MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 564/2010

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**
**Vs**
**Alfred u Rosemarie konjugi Medina bil-karti t'identita rispettivi 227868M u 6623A**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fit-2 ta' Gunju, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi hi tokkupa hatra ta' ufficjal tal-bank attur fl-ufficcju legali ta' l-istess Bank u ghalhekk dawn il-fatti li hi sejra tistqarr hi tafhom jew personalment jew inkella minn dokumenti tal-istess bank li hi ghandha access ghalihom. Hi tiddikjara wkoll li hi awtorizzata mill-imsemmi Bank sabiex taghmel din id-dikjarazzjoni ghan-nom tieghu.

***L-Oggett tal-Kawza***

1. Din il-kawza qeghda ssir sabiex jigi irkuprat kreditu iktar l-isfel spjegat illi il-Bank attur ghandhu kontra il-konvenuti in solidum.

2. Il-Bank attur kien ta facilita' bankarja ta' self ghall-iskop ta' xiri ta' dar ta'residenza u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef tat-22 ta' Gunju 2004 (hawn ezibit u markat bhala dokument "A") u dana ghas-somma ta' sittax il-elf Lira Maltin (Lm 16,000) li illum jekwivalu ghal sebgha w tletin elf mitejn u sebghin euro u erbghin centezmu (€37,270.40).

***Ir Ragjuni Ghat-Talba***

1. It-talbiet infraskritti qeghdin isiru ghaliex id-debitu naxxenti mit-titolu ta' kuntratt ta' self waqaf jithallas fl-20 t' Ottubru 2008, liema inadempjenza giet senjalata lill-konvenuti permezz ta' ittra ufficjali tal-24 ta' Settembru 2009, (hawn ezibita u markata bhala dokument B) illi permezz taghha id-debituri tqeghdu in mora skond il-ligi, u twissew illi jekk ma jirregolawx il-pozizzjoni taghhom dwar l-arretrati akkumulati fi zmien hmistax il-jum mid-data tal-ittra imsemmija, huma jitilfu il-beneficcju tat-terminu, u b'hekk ikunu tenuti ghar-rifuzjoni immedjata tal-bilanc dovut fuq l-istess self, din l-ittra giet debitament notifikata liz-zewg konvenuti fit-12 t'Ottubru 2009.

2. Illi s-somma illum dovuta mill-konvenuti hija dik komposta mill-kapital sad-data tad-9 t'Ottubru 2009 (erbatax il-jum wara l-hrug tal-ittra ufficjali fuq riferita) li kien l-ammont ta' erba' w tletin elf sitt mija u tmienja w erbghin euro u tmintax il-centezmu (€34,648.18), u l-imghax kontrattwali li kien dovut sa l-istess jum, fi-somma ta' tliet elef tliet mija u tlieta w sittin euro u hamsin centezmu (€3363.50) liema somma tinsab spjegata fil-prospett anness li huwa ezibit u markat bhala dokument "C".

3. Illi kemm skond il-kuntratt hawn fuq ezibit, kemm skond is-sanction letter (hawn ezibita u markata bhala dokument “D”),id-dejn hawn fuq spjegat illum jinsab dovut bl-imghax skond il-ligi, u ghalhekk il-bank attur ghandhu dritt li jitlob ir-rifuzjoni tal-bilanci hawn fuq spjegati minnufih, u bit-telf ta’ kull beneficcju tat-terminu.
Talab ghal dawn il-motivi li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-konvenuti in solidum iddekadew mill-beneficcju tat-terminu kemm skond il-kuntratt anness ma dan ir-rikors u kemm ai termini tas-sanction letter;
2. Tikkanonizza lill-istess attur bhala kreditur tal-konvenuti in solidum fis-somma komplessiva ta’ tmienja w tletin elf u hdax il-euro u tmienja w sittin centezmu (€38,011.68); bl-imghaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali ta’ erba’ w tletin elf sitt mija u tmienja w erbghin euro u tmintax il-centezmu (€34,648.18), b’effett bill-10 t’Ottubru 2009 sal-eventwali hlas; u
3. Tikkunndannhom li jhallsu is-somma fuq imsemmija bl-imghax imsemmi sal-effettiv hlas; filwaqt li jibqghu ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Daphne Dodebier ghall-bank attur, fis-seduta tad-19 ta’ Mejju, 2011, tikkonferma bil-gurament illi il-kreditu kollu mitlub fir-rikors guramentat ghadu dovut lill-bank attur;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna

lill-konvenuti ihallsu in solidum is-somma komplessiva ta' tmienja w tletin elf u hdax il-euro u tmienja w sittin centezmu (€38,011.68); bl-imghaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali ta' erba' w tletin elf sitt mija u tmienja w erbghin euro u tmintax il-centezmu (€34,648.18), b'effett bill-10 t'Ottubru 2009 sal-eventwali hlas; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------